# APPREZZAMENT

## Patri Ġustin Sant Karmelitan 1922 - 1993



Huwa twieled fil-25 ta' Novembru 1922 u kien jifforma parti minn familja ta' disa' aħwa. Huwa twieled u tgħammed f'Santa Venera. Sa ma kellu seba' snin kien joqgħod Sta.Venera u wara l-familja tiegħu marret toqgħod il-Ħamrun.

Huwa studja fl-iskola primarja tal-Marsa u l-Liċeo sakemm fil-21 ta' Diċembru 1941 ħaddan l-Ordni Karmelitan. Fil-21 ta' Diċembru 1946 ġie ordnat saċerdot. Eżatt kif qaddes P.Ġustin ġie mibgħut Ruma fejn ghamel sentejn 1947 -1949 . U wara ġie fil-Parroċċa taghna Sta.Venera. Huwa għex magħna fil-Parroċċa għal 44 sena shaħ.

Kien l-1 ta' Novembru 1949 li P.Ġustin ġie Sta.Venera u kien impenjat f'diversi oqsma tal-Parroċċa. Kien ghal diversi snin Prokuratur tal-festa ta' Sta.Venera V.M. Fiż-żmien meta kien prokuratur kienu nxtraw l-antarjoli ta' Strada Rjali għall- prezz ta' ħames liri l-wieħed kif ukoll saru l-Bandalori ghal l-istess triq. Il-ħidma ta' P.Ġustin b'mod speċjali biex inxtraw dawn l-antarjoli ghadna ngawduha sal-lum.

Fost l-impenji l-oħra li kellu fil-Parroċċa P.Ġustin kien jieħu ħsieb iċ-Ċentru Azzjoni Kattolika Fergħa Ġuvintur - illum Ċentru taż-żghażagħ. Bosta huma dawk iż-żgħażagħ taż-żminijietu li għandhom ringrazzjament speċjali għal mod ta' kif mexxa dan iċ-Ċentru li minnu ħarġu ħafna familji denji li kienu taħt id-dixxiplina tiegħu . P.Ġustin żgur jibqa' mfakkar għall-ħidma tiegħu fost iż-żgħażagħ tal-Parroċċa.

Huwa kien jieħu ħsieb ukoll il-Carmelite Hall fejn kienu jsiru l-'Films' u t-Teatrin. Kien għalliem fil-Mount Carmel College, San Filippu Neri ( illum Ċentru Ħidma Soċjali) u 'St.Joseph Secondary School Paola'.

P.Ġustin kien jifforma parti mill-ewwel kummissjoni li twaqfet fl-24 ta' Jannar 1956 biex tieħu ħsieb il-Bini tal-Knisja l-Ġdida Parrokkjali ta' Sta.Venera.

Huwa serva għal seba' snin u nofs bħala provinċjal tal-Karmelitani Maltin. Hu laħaq Provinċjal fl-14 ta' Novembru 1968 u dam f'dan l-inkarigu sa l-10 ta' Mejju 1976.

Fid-19 ta' Marzu 1969 P.Ġustin Sant fetaħ u bierek solennement il-Kripta tal-Knisja l-ġdida Parrokkjali.

L-Erbgħa 29 ta' Diċembru 1971 fis-6.00 p.m. fil-Knisja l-ġdida ingħata bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet biex ifakkru l-25 anniversarju minn meta P. Gustin qaddes.

Fl-okkazjoni ta' dan is-'Silver Jubilee' ta' P. Gustin huwa stess kixef rħama fil-kulleġġ Mount Carmel biex tirringrazzja lil min ħadem għal dan il-kulleġġ.

Nistgħu ngħidu li P. Gustin iddedika ħajtu għall-parroċċa tiegħu u tagħna. P. Gustin jista' jkun definit bħala l-Vendriż għall-Vendriżi.



THE CARMELITE COMMUNITY OF
ST. VENERA'S PARISH

*have the pleasure to announce the*

**Silver Jubilee**

*in the Priesthood of the Very Rev. Father Provincial*

JUSTIN SANT, J.C.B.

*Your presence is kindly requested at a Solemn Mass of Thanksgiving which Father Provincial will celebrate at St. Venera's New Church in High Street, St. Venera, on Sunday 2nd. January '72, at 5.00 p.m.*

*The Very Rev. Justin Sant cordially invites you to meet him at a Reception which will be held at Mt. Carmel College, St. Venera at 7.00 p.m.*

An answer is requested to the Secretary,
Mt. Carmel College, St. Venera.

P. Gustin ingħaqad ma' dak li tant ħadem għalih nhar l-10 ta' Frar 1993. Il-funeral sar l-għada. Billi mill-knisja l-ġdida Parrokkjali fejn saret quddiesa prezente catavere.

F'isem il-Kumitat tal-Banda Sta. Venera u l-poplu Vendriż kollu ngħid grazzi lil P. Gustin Sant ta' dak kollu li għamel mal-parroċċa tagħna.

Il-Kumitat.